**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 9 ta' Mejju, 2017

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ransley)**

**-vs-**

**Peter George Borg, detentur tal-karta tal-identità numru 85790(M)**

***Kumpilazzjoni Nru. 522/2016***

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Peter George Borg u ċioè talli:

> Bejn is-6:00 ta' filgħaxija u s-7:30 ta' filgħaxija nhar id-19 ta' Mejju, 2016, ġewwa l-Pixxina Nazzjonali, Triq Maria Teresa Spinelli, Msida:
>
> Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Aleandro Mifsud skont kif iċċertifika Dr John schembri registration number 1327 taċ-Ċentru tas-Saħħa l-Furjana.

Rat n-nota ta' rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali tal-20 t'April, 2017,[1] permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Semghet ix-xhieda.

[1] Fol.76

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi ghalkemm l-akkuzi originarjament migjuba fil-konfront tal-imputat kienu dawk ta' offiza gravi, mix-xhieda tal-espert tal-Qorti, **Dr. Mario Scerri** jirrizulta li l-lacerazzjoni fieqet tant li *"m'hiex konspikwa from within talking distance"*.[2] Ghalhekk l-offiza certament ma tinkwadrax bhala xi cirkustanza imsemmija fl-artikoli 216 jew 218 tal-Kodici Kriminali.

Illi fis-seduta tat-22 ta' Marzu, 2017, gie ddikjarat mill-parte civile li kien qed jirrinunzja ghall-azzjoni tieghu safejn din hija rinunzjabbli.

Illi l-artikolu 221(4) tal-Kodici Kriminali jipprovdi:

> Fil-każijiet imsemmijin fis-subartikoli (1) u (3), ma jittieħed ebda proċediment ħlief bil-kwerela tal-parti offiża, minn barra minn meta l-offiża ssir fuq waħda mill-persuni msemmijin fl-artikolu 222(1)(*a*) u (*b*).

Illi in vista ta' tali dikjarazzjoni u tenut kont li l-parte civile mhux persuna indikata fl-artikolu 222(1)(*a*) u (*b*) tal-Kodici Kriminali, din il-Qorti se tiddikjara dan il-procediment ezawrit.

**Dr Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law).**
**Magistrat**

[2] Fol.51